

Brussell, 4 ta' April 2016
(OR. en)

7479/16

ENV 191

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	29 ta' Marzu 2016
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D042282/04
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' XXX li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għax-xedd tas-saqajn

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument D042282/04.

Mehmuż: D042282/04



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
D042282/04
[...](2016) **XXX** draft

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' **XXX**

li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għax-xedd tas-saqajn

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' **XXX**

li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għax-xedd tas-saqajn

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 6(7) u 8(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010, l-Ekotikketta tal-UE tista' tingħata lil dawk il-prodotti b'impatt ambjentali mnaqqas tul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 jistipula li għandhom jiġu stabbiliti kriterji speċifiċi tal-Ekotikketta tal-UE skont il-gruppi tal-prodotti.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/563/KE² stabbiliet il-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati għax-xedd tas-saqajn. Biex tkun riflessa aħjar l-aktar teknoloġija aġġornata tas-suq għal dan il-grupp ta' prodotti u biex titqies l-innovazzjoni li kien hemm waqt il-perjodu ta' intervent, huwa xieraq li jiġi stabbilit sett rivedut ta' kriterji ekoloġiċi.
- (4) B'mod partikolari, il-kriterji ekoloġiċi riveduti għandhom l-għan li jippromwovu prodotti li jkollhom impatt ambjentali aktar baxx, l-aktar f'termini ta' tnaqqis tar-riżorsi naturali, l-emissjonijiet fl-ilma, fl-arja u fil-ħamrija minn proċessi ta' manifatturar u li jikkontribwixxu għad-dimensjoni ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli tul iċ-ċiklu ta' ħajjithom, li jkunu durabbli, u li jillimitaw il-preżenza ta' sustanzi perikolużi.
- (5) Il-kriterji riveduti jippromwovu wkoll id-dimensjoni soċjali tal-iżvilupp sostenibbli billi jdaħħlu rekwiżiti rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-sit tal-assemblaġġ finali, b'referenza għad-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Prinċipji rigward l-Intrapriżi

¹ ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.

² Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/563/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-eko-tikketta Komunitarja lix-xedd tas-saqajn (ĠU L 196, 28.7.2009, p. 27).

Multinazzjonali u l-Politika Soċjali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (l-ILO), għall-Patt Globali tan-NU, għall-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, u għal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali.

- (6) Il-kriterji ekoloġiċi riveduti, flimkien mar-rekwiżiti tal-valutazzjoni u tal-verifika relatati, għandhom ikunu validi għal sitt snin mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, filwaqt li jitqies iċ-ċiklu ta' innovazzjoni għal dan il-grupp ta' prodotti.
- (7) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2009/563/KE għandha tiġi sostitwita.
- (8) Huwa xieraq li jingħata perjodu ta' tranżizzjoni għall-produtturi li l-prodotti tagħhom ikunu ngħataw l-Ekotikketta tal-UE għax-xedd tas-saqajn abbażi tal-kriterji ekoloġiċi stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/563/KE, biex ikun żgurat li dawn ikollhom żmien suffiċjenti biex jadattaw il-prodotti tagħhom u jkunu konformi mal-kriterji u mar-rekwiżiti riveduti. Il-produtturi għandhom ukoll ikunu jistgħu jissottomettu l-applikazzjonijiet abbażi tal-kriterji ekoloġiċi stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/563/KE jew skont il-kriterji ekoloġiċi riveduti stabbiliti f'din id-Deċiżjoni għal perjodu ta' żmien suffiċjenti.
- (9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

- 1. Il-grupp ta' prodotti "xedd tas-saqajn" għandu jinkludi l-oġġetti kollha ddisinjati biex jipproteġu jew jgħattu s-sieq, b'pett applikat li jiġi f'kontatt mal-art. Soġġett għall-eżenzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3, ix-xedd tas-saqajn kopert bl-Anness II tad-Direttiva 94/11/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ u x-xedd tas-saqajn protettiv kopert bid-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE⁴ huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni.
- 2. Ix-xedd tas-saqajn jista' jkun magħmul minn diversi materjali naturali u/jew sintetiċi f'konformità mad-Direttiva 94/11/KE.
- 3. Il-grupp ta' prodotti ma għandux jinkludi l-prodotti li ġejjin:
 - (a) xedd tas-saqajn li jkun fih xi komponent elettriku jew elettroniku;
 - (b) xedd tas-saqajn li jintrema wara li jintuża darba;
 - (c) kalzetti b'pett applikat;
 - (d) xedd tas-saqajn tal-ġugarelli.

³ Id-Direttiva 94/11/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tikkettjar tal-materjali li jintużaw fil-komponenti ewlenin tax-xeddijiet tas-saqajn għall-bejgħ lill-konsumatur (ĠU L 100, 19.4.1994, p. 37).

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward l-apparat personali protettiv (ĠU L 399, 30.12.1989, p. 18).

Artikolu 2

Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “Il-wiċċ taż-żarbun” tfisser l-element strutturali ta' fuq, magħmul minn materjal wieħed jew aktar, li jkun meħmuż mal-pett taż-żarbun. Il-wiċċ taż-żarbun jinkludi l-inforra u s-suletti.
- (2) “L-inforra u s-suletti” tfisser l-inforra tal-wiċċ taż-żarbun u s-suletta, li jiffurmaw il-parti ta' ġewwa tax-xedd tas-saqajn.
- (3) “Il-pett taż-żarbun” tfisser il-parti ta' isfel tax-xedd tas-saqajn li hija meħmuża mal-wiċċ taż-żarbun.
- (4) “L-assemblaġġ tax-xedd tas-saqajn” tfisser serje ta' operazzjonijiet li għandhom l-għan li jgħaqqdu flimkien il-wiċċ taż-żarbun mal-pett taż-żarbun biex jiffurma l-prodott finali. L-imballaġġ finali tal-prodott huwa inkluż.
- (5) “Is-sit tal-assemblaġġ tax-xedd tas-saqajn” tfisser is-sit li fih isiru l-aħħar stadji tal-produzzjoni (mill-qtugħ u l-iffurmar tal-materjal (għall-produzzjoni tal-forom bl-injezzjoni) sal-imballaġġ tal-prodott) li jirrigwardaw il-prodott bil-liċenzja u li jibqgħu taħt il-kontroll tal-ġestjoni tal-applikant.
- (6) “Il-Komposti organiċi volatili” (KOV) huma komposti organiċi li f'293,15 K, ikollhom pressjoni tal-fwar ta' 0,01 KPa jew aktar, jew li jkollhom volatilità korrispondenti fil-kundizzjonijiet partikolari tal-użu, kif definit f'EN 14602.
- (7) “Sustanza bijodegradabbli b'mod inerenti” tfisser sustanza li turi 70 % degradazzjoni ta' karbonju organiku dissolt fi żmien 28 jum jew 60 % tal-massimu teoretiku tattnaqqs tal-ossiġenu jew il-ġenerazzjoni tad-dijossidu tal-karbonju fi żmien 28 jum meta jintuża wieħed mill-metodi tal-ittestjar li ġejjin: ISO 14593, OECD 302 A, ISO 9887, OECD 302 B, ISO 9888, OECD 302 C.
- (8) “Sustanza faċilment bijodegradabbli” tfisser sustanza li turi 70 % degradazzjoni ta' karbonju organiku dissolt fi żmien 28 jum jew 60 % tal-massimu teoretiku tattnaqqs tal-ossiġenu jew il-ġenerazzjoni tad-dijossidu tal-karbonju fi żmien 28 jum meta jintuża wieħed mill-metodi tal-ittestjar li ġejjin: OECD 301 A, ISO 7827, OECD 301 B, ISO 9439, OECD 301 C, OECD 301 D, ISO 10708, OECD 301 E, OECD 301 F, ISO 9408.

Artikolu 3

Biex prodott jingħata l-Ekotikketta tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010, dan għandu jkun parti mill-grupp tal-prodotti “xedd tas-saqajn” kif definit fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni u għandu jkun konformi mal-kriterji ekoloġiċi kif ukoll mar-rekwiżiti tal-valutazzjoni u tal-verifika relatati li huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "xedd tas-saqajn" kif ukoll ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni u tal-verifika relatati għandhom ikunu validi għal sitt snin mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Għall-finijiet amministrattivi, in-numru tal-kodiċi assenjat lill-grupp tal-prodotti "xedd tas-saqajn" għandu jkun "017".

Artikolu 6

Id-Deċiżjoni 2009/563/KE hija mħassra.

Artikolu 7

- (1) B'deroga mill-Artikolu 6, l-applikazzjonijiet għall-Ekotikketta tal-UE għal prodotti li jkunu parti mill-grupp tal-prodotti "xedd tas-saqajn" li jkunu sottomessi qabel id-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu evalwati skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/563/KE.
- (2) L-applikazzjonijiet għall-Ekotikketta tal-UE għal prodotti li jkunu parti mill-grupp ta' prodotti "xedd tas-saqajn" sottomessi fi żmien xahrejn mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni jistgħu jissejsu jew fuq il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/563/KE jew inkella fuq il-kriterji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu evalwati skont il-kriterji li jissejsu fuqhom.
- (3) Il-liċenzji tal-Ekotikketta tal-UE mogħtija skont il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/563/KE jistgħu jintużaw għal 12-il xahar mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni

Karmenu VELLA

Membru tal-Kummissjoni